It-Tieba ta' bla tarf, li tagħder, taħfer
Il-ħtija tan-nedmin, tistiednu d-dar,
Biex tfawru b'dak li minnu kien iċċaħħad,
Fil-għid ta' dejjem ma' l-erwieħ il-kbar.

Hemm fost il-Verġni, o Poeżija tiegħi,
Fil-ġenna t'Alla, is-saltna taċ-ċkejknin,
Insibek iżjed safja fl-għaxqa tiegħek,
U flimkien ngħannu l-innu tal-Henjin.

Met'inti tmutli, o sbejħa Poeżija,
Fuq qabrek ma niġix inxerred dmugħi;
'Ma ngħix kemm ngħix, tul dan l-eżilju msejken,
Imħabbtek ħelwa ma tnin qatt minn ruħi.

## BLA MITMUM

*Ta'* KARMENU MALLIA

Jitqal moħħi daqqiet bi ħsibijieti
Fejn jistaħbewli, bħal xi anġli mkenna
Ġo ruħ il-lejl misbaħ il-jum tistenna,
Li jħejju t-telqa għall-għamar ta' ridieti.

U l-abjad ta' quddiemi b'ħożż għanjieti
Inlewwen nibda; imbagħad dehriet il-Ġenna
Tal-Poeżija jgħibu f'salt; bla tenna
Jinħbew; u nirżaħ taħt nuqqas nebħieti.

Niftakar dlonk fl-Imgħallem tas-Sistina,
Li beda jonqox xbieha ta' irsir
Mingħajr ma temmha; sfiqa 'mma miskina

Is-sura li tant ħadem biex jurina.
Minn idu nara l-iskalpell itir,
U jħalli ġisem waħdu fit-tweġħir.

N.B. L-Irsir bla mitmum huwa statwa ta' Michelangelo għal fuq il-qabar ta' Giulio II fl-Accademia di Firenze, maħduma bejn l-1581 u l-1524.



# BAQA' F'WICCHOM

*Ta'* JOSEPH L. PACE

ĠEWWA kamra ftit u xejn mudlama kien hemm bniedem bilqiegħda rasu bejn idejh, u kultant minn fommu kienet tinstema' tnehida u xi kelma ta' swied il-qalb. Min kien dak irraġel hemm waħdu u kollu mnikket?—Kien Dwardu li dak innhar kien tilef l-egħeżeż bniedma li kienet marbuta ma' qalbu; kien tilef 'l ommu li wara marda qalila li hija kienet sofriet bl-akbar sabar kienet dik l-għodwa strieħet mill-uġigħat li kienet dejjem tħoss u li għalihom ma' kien hemm l-ebda mistrieħ ħlief il-mewt.

U issa Dwardu kien jinsab waħdu, għaliex ħutu ma' kellux u lanqas ma' kellu min jiġi minnu fil-qrib u għaldaqstant it-telfa ta' ommu kienet għalih l-ikbar daqqa ħarxa li seta' jħoss. Ma kienx jaf x'jibda jagħmel u fejn imur.

Tassew li Dwardu ma kellu bżonn ħadd għaliex mill-flus ma kienx nieqes. Imma b'danakollu kien iħossu waħdu; ħbieb qatt ma kellu u każini jew postijiet oħra fejn ġuvintur oħra kienu jiltaqgħu ma kienx iħobb imur fihom, u għalhekk, issa li ommu kienet ħallietu sab ruhu għalkollox barra minn din id-dinja u waħdu għal kollox.

Dwardu kellu wieħed u għoxrin sena u missieru li kien miet xi tliet snin qabel kien ħallielu daqsxejn ta' neġozju li kien iġiblu bejn wieħed u l-ieħor fuq il-lira kuljum qligħ, u billi hu ma kienx iħobb jonfoq il-flus fix-xejn kien ħalla ukoll somma flus ġmielha l-bank.

Barra minn dan, Dwardu ma kienx iddisgrazzjat minn wiċċu u minn persuntu. Kien twil ġmielu, bi spallejh wesgħin u, barra minn hekk, kien b'saħħtu ġmielu. Hu qatt ma ftaħar b'saħħtu, iżda meta kien hemm bżonn li juri saħħtu dejjem kien ħareġ ta' raġel.

U issa li kien jinsab waħdu beda jaħseb x'sejjer jibda jagħmel; imma dan il-ħsieb ma' damlux wisq, għaliex kien hemm l-om-ħaddieħor li kien qiegħed jaħseb għal dan, għaliex dawk l-ommijiet li kellhom xi tfajla li qabżet it-tminta-il-sena bdew jersmijiet li kellhom xi tfajla li qabżet it-tminta-il-sena bdew jersqu lejn Dwardu u jistqsuh jekk kienx jonqsu xi ħaġa u jekk jistgħux jgħinuh f'xi ħaġa, imma huwa kien dejjem iweġibhom li ma kellu bżonn ta' xejn.